IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru69(Disgħa u Sittin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-uffiċċju amministrattiv nhar it-Tlieta 22 ta' Frar, fil-4.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **Assenti b'Apoloġija** | |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**69.1. Item Nru 69.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

69.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-4.10 u kulħadd kien preżenti.

**69.2. Item Nru. 69.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

69.2.1 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u approvati.

**69.3. Item Nru. 69.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

69.3.1 Is-Sindku tkellem fuq ix-xogħol li qed isir tal-cables tal-Enemalta u infurmat li dil-ġimgħa għandhom ilestu mit-tqattiegħ.

Imbghad ikun imiss il-wiċċ tat-triq u spjega kif ser ikun asfaltat.

69.3.2. Is-Sur Attard qal ukoll li Triq Sant Elija beda x-xogħol tat-triq ukoll. Din qed issir minn Infrastruttura Malta u maħsub li ddum madwar xahar.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1690 – Malta

69.3.3 Is-Sindku qal li għandna aħbar tajba li r-railing tax-xatt ser isir b'permezz ta' tender. Dan wara li ltqajna mas-Sur Brian Zahra mil-Ministeru tal-Onor. Ministru Omar Farrugia fejn qalilna li l-Public Works bħalissa impossibbli li jaħdmu dan ir-railing huma għalhekk ser jiġi ppublikat tender biex isir ġdid mil-privat. Waqt il-laqgħa mas-Sur Zahra insistejna biex jsir b'materjal riċiklabbli u li jdum aktar fit-tul pero dawn għad iridu jaraw kemm hu vijabbli.

Is-Sindku kompla u qal li mar hu flimkien mas-Segretarju mas-Sur Brian Zahra fejn urewħ partijiet minn dan ir-railing li huma perikolużi u hemm bżonn li jsiru fl-immedjat qabel ikorri xi ħadd.

69.3.4 Is-Sur Attard qal li fl-isports Complex beda' x-xogħol u qed ikissru l-art u ser jingħata l-concrete. The Pit ordnaw ukoll bieb tal-Aluminium biex inkunu nistgħu nipproċedu għal Compliance u jkun jonqos li ssir biċċa rampa żgħira. Il-pjan hu li minn April jibda il-Kuntratt u nibdew nitolbu l-kera tal-Concession.

69.3.6 Is-Sindku qal li wara diskussjonijiet u żmien ta' stennija issa għandna approvazzjoni li l-ħajt tas-Sejjiegħ ta' Triq Karmelo Ritchie u Triq il-Fortizza tal-Grazzja kif ukoll il-ħajt perikoluż li hemm Triq l-Awrat ser jibda x-xogħol fuqhom fi żmien xahar. Dan approvawulna Infrastruttura Malta stess.

69.3.7 Is-Sindku qal li is-servizz ta' Tal-Linja issa reġa ġej għan normal u ma hemmx aktar ilmenti mir-residenti. Ta' dan irringrazzja lil Onor Ministru Chris Bonnet talli ħa l-azzjoni hu stess meta ġie fuq il-post.

69.3.8 Is-Sindku qal li t-tender tal-bankijiet tax-Xatt ġie ppublikat u qed nistennew konferma tal-fondi mil-Planning Development Funds.

69.3.9 Is-Sindku ippropona li norganizzaw biex inwaqqfu sottokumitat dwar l-iżvilupp. Dan iservi biex jekk ikollna xi każ bħal ma kellna tat torrijiet u l-FAR inkunu aktar preparati fuq is-suġġett.

69.3.10 Is-Sindku tkellem fuq proposta mil-GAL Xlokk li ser tinfetaħ sejħa għal proġetti fuq restawr ta' siti kif ukoll sejħa oħra ta' Green Infrastructure. Is-Sur Attard kompla u ppropona li napplikaw għal restawr tal-gate tal-Kunsill kif ukoll biex nagħmlu proġett ġewwa fort Park. Il-Kunsill qabel unanimament u għalhekk ser jingħataw aktar dettalji fil-ġimgħat li ġejjin.

Issa ser ikollna bżonn inġibu no objection mil-Lands u Supretendenza minħabba li s-siti huma propjeta tal-Lands Department.

69.3.11 Is-Sindku qal li quddiemna għandna talba sabiex nagħżlu persuna minn nomini li għandna ta' Premju Mara. Fil-Kunsill irċevejna 2 nomini li huma Mary Doris Borg u Charlene Grange. Wara diskussjoni dwar in-nomina ta' Mary Doris Borg il-Kunsill iddeċieda li ser tissejjaħ laqgħa nhar il-Ġimgħa fis-2pm.

69.3.12 Is-Sindku qal li għandna fondi adisposizzjoni mir-reġjun sabiex nagħmlu xogħol ta' rinovar fuq latrini u biex nagħmluhom b'sistema awtomatika. Dawn il-fondi ilaħqu €10,000 Kulħadd qabel li nipproċedu sabiex nibbenefikaw minn dawn il-fondi.

69.3.13 Is-Sindku ippropona li nagħmlu xogħol ta' livellar ta' fejn ser jiġi il-Pitch tal-Bocci. Hu ippjanat li bħala spiża ser tkun ta' madwar €5,000.

## 69.4 Item Nru 69.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

69.4.1 Is-Sur Valvo staqsa jekk jistax jinbidel bank li hemm max-xatt li jinsab mawweġ kollu. Is-Sindku qal li ser jinbidel fil-ġimgħat li ġejjin.

IX-XGĦAJRA

**69.5 Item Nru. 69.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

69.5.1 Is-Segretarju ippreżenta r-rapport Finanzjarju Annwali mhux awditjat u wara li ġie spjegat ġie approvat u ser jiġi mgħoddi li NAO.

**69.6 Item Nru. 69.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

69.6.1 Xogħol ieħor ġie diskuss aktar kmieni fil-laqgħa.

**69.7 Item Nru. 69.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

69.7.1 Pagamenti b'numru 131 ġew approvati unanimament b'riserva dwar il-pagamenti tal-Iskart għaliex li kienu inġusti u ta' skart mhux tax-Xgħajra. Il-Kunsill għadu qed jilmenta fuqhom.

**69.8 Item Nru. 69.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

69.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**69.9 Item Nru. 69.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

69.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.40pm. Aġġornament għal nhar il-Erbgħa 20 ta' Marzu.

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Neil Attard
Sindku